# NEKROLOĠIJA

## Mario Agius miet fl-24 ta' Awissu, 1983

Kien bniedem dħuli u metikoluż. Il-konvinzjoni tat-twemmin ta' ħajtu. Ta kontribut siewi f'għadd ta' oqsma tal-ħajja Maltija. Meta f'nofs is-snin għoxrin beda jiġi mgħallem il-Malti fil-klassijiet ta' filgħaxija fil-Liċeo, il-Belt, intefa' b'ruħu u b'ġismu għall-istudju ta' das-suġġett. Agius, flimkien ma' oħrajn, kien ġie l-ewwel. F'dawk is-snin beda jinqeda bih għat-tagħlim tal-poplu bis-saħħa ta' artikli, poeżiji u essays f'gurnali u rivisti, fosthom *Il Cotra, Il-Malti, Leħen il-Malti* u *Il-Pronostku Malti*.

Twieled Ħal Lija nhar it-2 ta' Diċembru, 1906. Beda l-istudji tiegħu fl-iskola primarja tan-Naxxar u f'dik ta' Ħal-Lija. Issokta l-istudju fid-Dockyard School u fl-1921 daħal jaħdem bħala Shipwright Apprentice fit-Tarżna. Fl-1938 laħaq disinjatur (draughtsman) fl-istess intrapriża. Kellu sehem sew fit-twaqqif tad-*Dockyard and Imperial Workers' Union* fl-1936, u aktar tard inħatar viċi-chairman tal-*Malta Technical and Clerical Association*.

Kien iqis lil raħal twelidu – Ħal Lija – bħala l-Pariġi ta' Malta. Kien jieħu sehem attiv kważi f'kull għaqda reliġjuża u soċjali talparroċċa b'mod partikulari bħala President ta' l-Azzjoni Kattolika u tal-Kunsill Parrokkjali.

Inħatar membru akkademiku ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (illum l-Akkademja tal-Malti) f'Novembru tal-1936. Kien ukoll membru ħabrieki fil-*Catholic Social Guild*, fil-*Moviment Azzjoni Soċjali*, fl-*Għaqda Bibblika*, fl-*Anglo-Maltese League*, fil-*Kumitat Ċiviku ta' Ħal Lija* u mill-1969 sal-1976 kien President tal-*Grupp Kultura Marjana*.

Fost il-pubblikazzjonijiet tas-Sur Agius insibu *'Is-SS. Salvatur f'Malta'* ((1934); *'Marija Bambina'* (1936); *'Il-Mons. Fco. Saverio Caruana, Isqof ta' Malta, Tifkira Nazzjonali'* (1948); u manuskritt *'Dizzjunarju ta' l-Ilsien Malti'* f'seba' volumi, (Ms. 312) Librerija ta' l-Università ta' Malta.

**Karmenu Ellul Galea**

Nota: Il-kitba tan-nekroloġija li dehret f'*Il-Malti* (Ħarġa Speċjali) kienet xogħol Dr. O. Friggieri.

# REĊENSJONI

## J. ZAMMIT CIANTAR, "Malti tas-Seklu Tmintax", *Hyphen – A Journal of Melitensia and the Humanities*. Vol. IV, No. 5, 1985, pp. 178-206.

Dan huwa studju dettaljat li fih Joe Zammit Ciantar jippreżenta t-test ta' priedka bil-Malti dwar l-Immakulata Kunċizzjoni magħmula mill-Kjerku Ignazio Saverio Mifsud fil-knisja tal-Kunċizzjoni ta' l-Imsida fit-8 ta' Diċembru, 1739.

Din il-priedka hija l-eqdem forma ta' proża miktuba bil-Malti li nafu biha s'issa. Zammit Ċiantar ifakkar li kont sibtha jien u li ppubblikajt siltiet minnha fl-1962 fl-ewwel ktieb ta' *Kitba w Kittieba tal-Malti* (pp. 29-30). L-awtur ilu minn dak iż-żmien jinteressa ruħu fil-priedki ta' Mifsud, u meta kien għadu fil-kors għall-għalliema fis-"St. Michael's Teachers' Training College" (1962-1964) kien ħadem teżina fuq żewġ priedki sħaħ, *Stil ta' Priedki ta' Ignazio Saverio Mifsud*, li waħda minnhom kienet sewwa sew din li issa ħareġ fir-rivista *Hyphen*, mogħnija b'*facsimile* tal-kitba ta' Mifsud u bi studju minsuġ bil-għaqal, mirqum b'kummenti maturi dwar il-predikatur innifsu, dwar il-kontenut tal-priedka u l-alfabett ta' Mifsud.

Għall-ħeffa ta' min jaqra, it-test bil-Malti huwa ppreżentat b'versi numerati ħamsa ħamsa. Ta' siwi kbir huma n-noti mogħtija mill-awtur dwar 98 kelma jew frażi, l-aktar dawk li fihom tifsir dwar kliem li jew ma jinsabu fl-ebda dizzjunarju jonkella juru forom grammatikali mhux komuni. Fost dawn laqtitna l-kelma *kumpâs* (v. 4), li Zammit Ciantar, wara konsultazzjoni ma' wieħed surmast Tuneżin tal-Għarbi, inissel minn *kumbâs*, fit-Tuneżin, li tfisser *"min ifakkar ħafna, iħammem, isib soluzzjoni li ma jaraha ħadd" (p.191)*. Interessanti wkoll naqraw li fis-Seklu Tmintax il-kelma *lagar*, jew aħjar *laġar* (vv. 225, 234, 236, 241, 243) kienet magħmula mil -*l* ta' l-artiklu agglutinat mal-kelma *aġar* li, fost ħwejjeġ oħra, tfisser flus jew ħaġ'oħra mogħtija b'karità. L-awtur jagħti eżempji oħra ta' kliem li fil-Malti ta' llum nafuh bl-*l* ta' l-artiklu bħala biċċa integrali minnu, bl-artiklu agglutinat mal-kelma, bħal *labra* (L + IE-B-R), *liżar* (L + IE-Ż-R), *lixka* (L + *isca* (Sq.)) u oħrajn. (p.202)

Dwar il-kelma ***Sieh*** jew ***Siah***, li l-awtur bir-raġun igħid li ma tinqarax sew fl-ms. Lili kienet ħabbtitni wkoll meta, fl-1962, tajtha bħala taqsira ta' *sinjur* billi din il-kelma tinsab ftit iżjed 'il quddiem fl-istess paragrafu tat-test. Jista' jkun li wara kollox dil-kelma ***Sieh*** mhijiex ħaġ'oħra ħlief *Xiħ*, li Mifsud kiteb bl-ewwel ittra kapitali u ftit xort'oħra minn *siħ* (isteħ) fil-vers ta' wara biex iż-żewġ kelmiet ma jitfixklux beiniethom. F'dan il-każ it-test jiġi jinqara "... talbilhom grazzja illi jeħduh quddiem ix-Xiħ" i.e. quddiem is-sid jew kap tad-dar. Għadna sa llum nużaw il-kelma *xiħ* fis-sens ta' "missier, jew kap tad-dar", jonkella ta' "prinċipal, jew kap ta' Dipartiment, jew Ministru".

Bħala l-eqdem eżempju ta' proża miktuba, l-awtur jistudja t-test ta' din il-priedka b'serjetà kbira, u jagħtih importanza bħalma G. Wettinger u M. Fsadni kienu taw lill-*Kantilena* ta' Pietru Caxaro, l-eqdem dokument ta' poeżija bil-Malti li nafu bih s'issa, aktarx miktub qabel l-1485. Il-fehma meqjusa ta' Zammit Ciantar hija li "il-Malti tal-priedka riprodotta hawn taħt huwa l-Malti ta' madwar 250 sena ilu. Huwa iktar qarib tal-Malti tal-priedki ta', ngħidu aħna, għoxrin sena ilu milli lejn dak tal-priedki ta' llum. Huwa Malti ħafna eqreb lejn dak ta' żmienna milli lejn il-Malti tal-*Cantilena*" (p.185).

Lil Zammit Ciantar nifirħulu ta' dan il-kontribut tabilħaqq siewi – fil-fatt huwa xempju ta' kritika ta' test letterarju qadim – u nawgurawlu li l-kwalitajiet sbieħ li għandu ta' dixxiplina u kastigatezza jkompli jiżviluppahom mhux biss fil-qasam dejjem jikber tal-priedki qodma li qed insiru nafu bihom imxerrdin f'bosta kollezzjonijiet u bibljoteki, imma wkoll fi friegħi oħra ta' studji storiċi lokali.

**Ġużè Cassar Pullicino**